TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 10

L-Erbgha, 2 ta' April, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 09 li saret nhar l-Erbgha, 12 ta' Marzu, 2025, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* **Skema SPI.SCI.03.2025 – Lokalitajiet aktar nodfa**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien applika biex isir Ballot bin, biex issir underwater clean up u biex issir land clean up ghal total ta' €1500.

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*5.1* **YMCA**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien offra lil YMCA sabiex jiġbor affarijiet ta' ikel u affarijiet ohra minghand ir-residenti.

*5.2* **Community Police**: Is-Sindku informa li hawn Community Police Officer gdid fil-lokalita` u se jkun qed idur id-djar jiltaqa' mar-residenti. Huwa qal li kien iltaqa' ma rappreżentanti tal-Community Police u gew diskussi il-problema tad-detox, cctv's, il-permessi u perikli fit-toroq.

*5.3* **Kuntratt tad-dawl tat-toroq**: Is-Sindku informa li waqt il-laqgha tar-Regjun, saret proposta sabiex il-kuntratt ghal manutenzjoni tad-dwal tat-toroq jinhareg fuq bażi Regjonali. Is-servizz jibqa' f'idejn il-Kunsilli Lokali iżda minhabba economies of scale, ikun irhas. Dan diġà qed isir f'Regjuni ohra. Il-Kunsilli Lokali igawdu kemm fil-prezz kif ukoll mill-efficjenza fis-servizz. Kien hemm qbil unanimu li qabel tittiehed deċiżjoni ikun hemm aktar informazzjoni.

*5.4* **Prize Day tal-Iskola Primarja**: Is-Sindku informa li l-Iskola Primarja kienet talbet lill-Kunsill jaghti xi kotba lill-istudenti waqt il-Priza Day. Dan kif dejjem sar kull sena u kien hemm qbil unanimu li anki din is-sena jinghataw dawn il-kotba.

*5.5* **Kuncert tal-Banda fi żmien il-Festa**: Is-Sindku qal li fi snin preċedenti, dan il-kuncert dejjem sar permezz ta' fondi li l-Kunsill dejjem gab minn skemi tar-Regjun u li kienu jkunu intiżi ghal attivitajiet kulturali. Dawn il-fondi mir-Regjun issa waqfu u ppropona li

parti minn dawn issa jinhargu mill-fondi tal-Kunsill. Huwa fakkar li dawn il-fondi diġà huma budgeted mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsillier Grech qal kif b'dawn il-fondi ma jsirux proġetti bhal installazzjoni ta' cctv's. Is-Sindku wieġeb li l-ghaqdiet huma importanti hafna f'lokalita` u huwa huma li jżommu il-lokal haj. Il-Kunsillier Grech qal li huwa mhux kontra l-ghaqdiet imma n-nies iridu jaraw ix-xoghol fil-lokalita`. Is-Sindku wieġeb li xoghol sar, qieghed isir u ppjanat li jkompli jsir.

*5.6* **Bus Shelter fi Triq ix-Xatt**: Is-Sindku qal li minhabba li l-bini li kien dar tal-anzjani fi Triq ix-Xatt ser jaqa', hemm il-htiega li jiċċaqlaq il-Bus shelter li hemm quddiemha. Ghalhekk ser issir laqgha dwar dan fil-granet li gejjin.

*5.7* **CCTV's fi Pjazza Madonna ta' Fatima**: Is-Sindku informa li kienu ser isiru 3 cameras li jaghtu ghal fuq il-Pjazza Madonna ta' Fatima. Is-servizz tal-internet u *supply* ta' dawl ser isir kollox mill-Kunsill u se jkunu impoggija fil-kaxxa tad-dawl li diġà hemm fil-pjazza.

*5.8* **Parking PBS**: Is-Sindku qal li kienet saret laqgha mal-PBS dwar il-progett li ghandhom biswit il-*premises* ta' Triq San Luqa fejn ser jinbnew studios kbar. Ghalhekk talbu li sakemm isir dan il-progett, li fih kienu jipparkjaw il-karozzi taghhom u vetturi li jintużaw mill-istazzjon, jiehdu l-parkegg kollu ta' Triq Bordin. Is-Sindku talab li parti minnu jibqa' ghar-residenti u kien hemm qbil ukoll mal-PBS li jirranġaw l-art bil-konkos. Sar qbil ukoll mal-PBS li ssir fetha ghad-dhul u hrug minn Triq Clarence ukoll sakemm Triq Bordin tkun maghluqa minhabba x-xoghlijiet fit-triq.

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Fitzpatrick staqsa jekk il-Kunsill ghandux b'xi mod iżomm il-memorja tal-Isqof Cremona. Il-Kunsillier Douglas Tanti qal li hu kien ser jaghmel l-istess mistoqsija wkoll. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiddiskuti mal-Kappillan dwar il-possibilta li z-zuntier tal-Knisja jissemma ghalih. Kien hemm qbil dwar dan.

*6.2* Il-Kunsillier Grech staqsa kif baqa' l-Kunsill dwar il-hsara li saret minn kuntrattur tal-iskips fi Triq Zammit Clapp. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien tkellem mal-kuntrattur involut u qed nistennew gwida minn IM dwar l-intervent li ghandu jsir u dan bi spejjez ta' dan il-kuntrattur.

*6.3* Il-Kunsillier Grech qal jekk jistghux jehlu tabelli hdejn id-Detox sabiex ma jinżlux trucks kbar lejn Telghet Gwardamanga. Kien hemm qbil li dawn isiru jekk dawk li kien hemm m'ghadhom fil-post.

*6.4* Il-Kunsillier Grech semma li fi Triq Zammit Clapp hemm xi haxix hazin li jehtieg jinqata'.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 09. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-6.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 7 ta' Mejju, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku